IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2018
COM(2018) 196 final

ANNEX 2 – PART 1/3

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore

ANNESS 2-A

ELIMINAZZJONI TA' DAZJI DOGANALI

1. Id-dazji doganali kollha minn Parti fuq prodotti li joriġinaw fil-Parti l-oħra għandhom jitneħħew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ħlief kif previst mod ieħor fl-Iskedi rispettivi tal-Parti inklużi f'dan l-Anness.

2. Il-kategoriji tal-fażijiet li ġejjin japplikaw għall-eliminazzjoni tad-dazji doganali minn kull Parti skont l-Artikolu 2.6 (Tnaqqis u/jew Tneħħija tad-Dazji Doganali fuq l-Importazzjonijiet) għal dawk id-dazji doganali mhux eliminati mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

   (a) dazji doganali fuq prodotti ta' oriġini msemmijin fil-partiti fil-kategorija ta' fażi "3" fi Skeda ta' Parti għandhom jitneħħew f'erba' fażijiet annwali ugwali li jibdew fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, u prodotti bħal dawn għandhom, minn dakinhar' il quddiem, ikunu ħielsa minn kull dazju doganali;

   (b) dazji doganali fuq prodotti ta' oriġini msemmijin fil-partiti fil-kategorija ta' fażi "5" fi Skeda ta' Parti għandhom jitneħħew f'sitt fażijiet annwali ugwali li jibdew fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, u prodotti bħal dawn għandhom, minn dakinhar' il quddiem, ikunu ħielsa minn kull dazju doganali;

   (c) l-ebda obbligu taħt dan il-Ftehim rigward dazji doganali fir-rigward ta' oġġetti fil-kategorija tal-fażi "X".

3. F’dak li għandu x’jaqsam ma’ prodotti taħt kodiċi tariffarju partikolari, ir-rata bażi tad-dazju doganali u l-kategorija tal-fażi għad-determinazzjoni tar-rata interim tad-dazju doganali f’kull stadju tat-tnaqqis huma indikati għal dak il-kodiċi tat-tariffa fl-Iskeda ta’ kull Parti.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, ir-rati tad-dazji doganali fl-istadji interim għandhom jitqarrbu ‘l isfel, għallinqas sal-eqreb deċimu ta’ punt perċentwali u/jew, fil-każ tal-Unjoni, sal-eqreb ċenteżmu Euro, fejn applikabbli.

5. Għall-finijiet ta’ dan l-Anness u ta’ Skeda ta’ Parti, kull tnaqqis annwali għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sena rilevanti, kif definit fil-paragrafu 6 ta’ dan l-Anness.

6. Għall-iskopijiet ta’ dan l-Anness:

   (a) “l-ewwel sena” tfisser il-perjodu ta’ tnax-il xahar li jibda fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

   (b) “it-tieni sena” tfisser il-perjodu ta’ tnax-il xahar li jibda fl-ewwel anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

   (c) “it-tielet sena” tfisser il-perjodu ta’ tnax-il xahar li jibda fit-tieni anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

   (d) “ir-raba’ sena” tfisser il-perjodu ta’ tnax-il xahar li jibda fit-tielet anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(e) “il-ħames sena” tfisser il-perjodu ta’ tnax-il xahar li jibda fir-raba’ anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

7. Appendiċijiet 2-A-1 u 2-A-2 jiffurmaw parti integrali ta’ dan l-Anness.

SKEDA TARIFFARJA TA’ SINGAPORE

Appendiċi 2-A-1

Skeda ta' Eliminazzjoni ta' Dazji Doganali - Singapore

1. Id-dispożizzjonijiet ta’ din l-Iskeda huma imfissra f’termini ta’ Klassifikazzjoni tal-Kummerċ ta’ Singapore, Dazji Doganali u Sisa (minn hawn’ il quddiem imsejħa “STCCE”), u l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ din l-Iskeda, inkluża l-kopertura tal-prodott tas-subintestaturi ta’ din l-Iskeda, għandhom ikunu regolati min-Noti Ġenerali, Noti tat-Taqsima, min-Noti in-noti STCCE. Diment li d-dispożizzjonijiet ta’ din l-Iskeda huma identiċi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti STCCE, id-dispożizzjonijiet ta’ din l-Iskeda għandu jkollhom l-istess tifsira tad-dispożizzjonijiet korrespondenti STCCE.

2. Skont l-Artikolu 2.6 (Tnaqqis u/jew Tneħħija tad-Dazji Doganali fuq l-Importazzjonijiet), Singapore għandha telimina d-dazji doganali kollha fuq il-prodotti kollha ta’ oriġini mill-Unjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

SKEDA TARIFFARJA TAL-UNJONI

Appendiċi 2-A-2

Skeda ta' Eliminazzjoni ta' Dazji Doganali - L-Unjoni

Noti ġenerali

1. Rabta man-Nomenklatura Magħquda (minn hawn' il quddiem imsemmija "NM") tal-Unjoni: id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda huma ġeneralment imfissra f'termini tan-NM, u l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, inkluża l-kopertura tal-prodott tas-subintestaturi ta' din l-Iskeda, għandhom ikunu regolati min-Noti Ġenerali, Noti tat-Taqsima, u n-Noti tal-Kapitoli tan-NM. Diment li d-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda huma identiċi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tan-NM, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandu jkollhom l-istess tifsira tad-dispożizzjonijiet korrespondenti tal-NM.

2. Rati Bażi ta' Dazji Doganali: ir-rati bażi ta' dazju doganali stabbiliti f'din l-Iskeda jirriflettu tal-Komunità Ewropea dwar ir-rati ta' dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

3. Skont l-Artikolu 2.6 (Tnaqqis u/jew Tneħħija tad-Dazji Doganali fuq l-Importazzjonijiet), l-Unjoni għandha telimina d-dazji doganali fuq il-prodotti kollha ta' oriġini minn Singapore taħt dan il-Ftehim, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ħlief għal dawk imniżżla fl-iskeda tariffarja tal-Unjoni.

Sistema ta' prezzijiet tad-dħul

4. Il-paragrafi 5 sa 7 ta’ dan l-Anness jistabbilixxi l-modifiki għall-iskema tal-prezz ta’ dħul li l-Unjoni tapplika għal ċertu frott u ħaxix skont it-Tariffa Doganali Komuni prevista fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 927/2012 tad-9 ta’ Ottubru 2012 (u l-atti suċċessuri) u l-Iskeda CXL tad-WTO tal-Unjoni. B’mod partikolari, il-prodotti li joriġinaw minn Singapore inklużi f’dan l-Anness għandhom ikunu suġġetti għall-iskema tal-prezz ta’ dħul stabbilita f’dan l-Anness minflok l-iskema tal-prezz ta’ dħul speċifikata fit-Tariffa Doganali Komuni prevista fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 927/2012 tad-9 ta’ Ottubru 2012 (u l-atti suċċessuri) u l-Iskeda CXL tad-WTO tal-Unjoni.

5. Għal prodotti li joriġinaw minn Singapore li għalihom l-Unjoni tapplika l-iskema tal-prezz ta’ dħul tagħha skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 927/2012 tad-9 ta’ Ottubru 2012 u l-Iskeda CXL tad-WTO tal-Unjoni, dazji doganali ad valorem fuq dawn il-prodotti għandhom jitneħħew skont il-kategoriji tal-fażijiet kif stabbilit fl-Iskeda tal-Unjoni.

6. Id-dazji doganali speċifiċi previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 948/2009 tas-30 ta’ Settembru 2009 fuq il-prodotti taħt il-paragrafu 5 m’għandhomx ikunu suġġetti għall-eliminazzjoni tad-dazji doganali skont il-kategoriji tal-fażijiet kif stabbilit fl-Iskeda tal-Unjoni. Minflok, id-dazji doganali speċifiċi jinżammu għall-prodotti li ġejjin:

Kodiċi NM 2013	Deskrizzjoni
0702 00 00	Tadam, frisk jew imkessaħ
0707 00 05	-Ħjar
0709 91 00	--Qaqoċċ
0709 93 10	---Żucchini
0805 10 20	--Larinġ ħelu, frisk
0805 20 10	---Klementini
0805 20 30	--Monreales u satsumas
0805 20 50	--Mandolina u wilkings
0805 20 70	--Ċitru tat-Tanġier
0805 20 90	--Oħrajn
0805 50 10	--Lumi (Citrus limon, Citrus limonum)
0806 10 10	--Għeneb tal-mejda
0808 10 80	--Oħrajn
0808 30 90	--Oħrajn
0809 10 00	-Berquq
0809 21 00	--Ċiras morr (Prunus cerasus)
0809 29 00	--Oħrajn
0809 30 10	--Nuċiprisk
0809 30 90	--Oħrajn
0809 40 05	--Għanbaqar
2009 61 10	---Ta’ valur li jaqbeż EUR 18 għal 100 kg ta’ piż nett
2009 69 19	----Oħrajn
2009 69 51	-----Konċentrat
2009 69 59	-----Oħrajn
2204 30 92	----Konċentrat
2204 30 94	----Oħrajn
2204 30 96	----Konċentrat
2204 30 98	----Oħrajn

7. Id-dazju speċifiku taħt il-paragrafu 6 m'għandux jaqbeż l-inqas dazju speċifiku mir-rata prevalenti applikata tal-MFN, jew ir-rata ta' dazju applikata tal-MFN li tkun fis-seħħ fil-jum immedjatament qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.